Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Lulju 2011

dwar miżuri ta' emerġenza applikabbli għaż-żerriegħa tal-fienu u ċertu żerriegħa u fażola impurtata mill-Eġittu

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 5000)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/402/UE)

(ĠU L 179, 7.7.2011, p. 10)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/662/UE tas-6 ta' Ottubru 2011	L 263	20	7.10.2011
►M2	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/718/UE tat-28 ta' Ottubru 2011	L 285	53	1.11.2011
►M3	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/880/UE tal-21 ta' Diċembru 2011	L 343	117	23.12.2011

▼B

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Lulju 2011

dwar miżuri ta' emerġenza applikabbli għaż-żerriegħa tal-fienu u ċertu żerriegħa u fażola impurtata mill-Eġittu

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 5000)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/402/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b)(i) u l-Artikolu 53(1)(b)(iii) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 li jistabbilixxi prinċipji ġenerali li jirregolaw l-ikel u l-għalf b'mod ġenerali, u b'mod partikolari s-sikurezza tal-ikel u l-għalf, fil-livell Komunitarju u dak nazzjonali. Dan jistipula miżuri ta' emerġenza meta huwa evidenti li ikel jew għalf impurtat minn pajjiż terz huwa mistenni li jikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali jew l-ambjent, u li tali riskju ma jistax jiġi kkontrollat b'mod sodisfaċenti permezz ta' miżuri meħuda mill-Istat(i) Membru(i) kkonċernat(i).

(2) Fit-22 ta' Mejju 2011 il-Ġermanja rrappurtat tixrid ta' Tossina Shiga li tipproduċi batterji Escherichia coli (STEC), serotip O104:H4 fin-naħa ta' fuq tal-Ġermanja. Ibbażat fuq investigazzjonijiet epidemjoloġiċi u ttestjar fil-laboratorju, is-sors ta' kontaminazzjoni jista' jkun marbut mal-konsum ta' żerriegħa mxarrba prodotta f'wieħed mill-istabbilimenti fin-naħa ta' isfel ta' Hamburg.

(3) Fil-15 ta' Ġunju 2011 Franza rrappurtat tixrid f'Bordeaux, fi Franza, li - skont riżultati preliminari - ġie kkawżat mill-istess razza tal-E. coli (Tossina Shiga li tipproduċi batteriji Escherichia coli (STEC), serotip O104:H4 bħal dawk li nstabu fil-Ġermanja. Bħal ma kien fil-każ tal-Ġermanja, l-investigazzjonijiet jindikaw li l-konsum ta' żerriegħa mxarrba seta' kkawża t-tixrid.

(4) Aktar indikaturi jissuġġerixxu li ż-żerriegħa niexfa użata għall-inbit tista' tkun il-kawża oriġinali għat-tixrid fil-Ġermanja u Franza. Sabiex taċċerta ruħha dwar l-oriġini tal-kontaminazzjoni, il-Kummissjoni bdiet eżerċizzju ta' rintraċċar kkoordinat mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) f'konsultazzjoni maċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard u l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Fil-5 ta' Lulju 2011, l-EFSA

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

▼B

ppubblikat ir-rapport finali tagħha. Ir-rapport jistqarr li t-tqabbil tal-informazzjoni tar-rintraċċar mit-tixrid Franċiż u Ġermaniż iwassal għall-konklużjoni li lott miż-żerriegħa tal-fienu impurtata mill-Eġittu aktarx hija l-aktar rabta komuni għalkemm ma jistax jiġi eskluż li lottijiet oħrajn jistgħu jiġu implikati. Meta wieħed iqis l-impatt sever fuq is-saħħa tal-bniedem li jirriżulta mill-esponiment għal kwantità żgħira ta' materjal kontaminat, u, fin-nuqqas ta' informazzjoni dwar is-sors u l-mezzi ta' kontaminazzjoni kif ukoll kontaminazzjoni possibbli li tittieħed, bħalissa jidher xieraq li jiġu kkunsidrati l-lottijiet kollha tal-esportatur identifikat bħala suspettuż.

(5) Barra minn hekk, l-eżerċizzju preżenti ta' rintraċċar jappoġġja l-ipoteżi li t-tixrid huwa marbut u huwa kkawżat mill-importazzjoni taż-żerriegħa tal-fienu li ġiet ikkontaminata waqt l-importazzjoni jew qabel l-importazzjoni fl-UE. Din il-kontaminazzjoni taż-żerriegħa mar-razza tal-E. coli O104:H4 tirrifletti proċess ta' produzzjoni li ppermmetta kontaminazzjoni ta' materjal fekali ta' oriġini umana u/jew tal-annimali. Għadu mhux ċar fejn dan seħħ sewwasew fil-katina alimentari u għadu mhux magħruf jekk dan ġiex rimedjat sadanittant. Għandu jsir aktar kampjunar mikrobijoloġiku fl-Istati Membri biex itemmu l-evidenza li ġejja mill-istudji epidemjoloġiċi kif stipulat fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 rigward il-monitoraġġ taż-żoonożi u tal-aġenti żoonotiċi, temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE u tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/117/KEE ([1]).

(6) Fuq il-bażi tal-prinċipju tal-prekawzjoni huwa meħtieġ li tiġi pprojbita b'mod temporanju l-importazzjoni taż-żerriegħa u l-fażola kollha li tiġi mill-Eġittu, identifikata fl-Anness, biex tippermetti ż-żmien meħtieġ għal aktar valutazzjoni tas-sikurezza tagħhom. Huwa ċar li hemm possibilità ta' impatt sever fuq is-saħħa tal-bniedem li ġejja mill-esponiment ta' kwantità żgħira ta' materjal kontaminat minn żerriegħa u fażola oħra u li ma hemmx tagħrif preċiż dwar l-oriġini eżatta fl-Eġittu u mezzi tal-kontaminazzjoni kif ukoll kontaminazzjoni possibbli li tittieħed.

(7) Għaldaqstant huwa xieraq li jiġu adottati, fuq livell Ewropew, ċerti miżuri ta' prekawzjoni u emerġenza biex jiżguraw li l-Istati Membri jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa biex jirtiraw mis-suq tal-UE l-lottijiet kollha taż-żerriegħa tal-fienu impurtata mill-Eġittu matul il-perjodu ta' bejn l-2009 u l-2011 imsemmija fin-notifiki tas-Sistema Rapida ta' Allarm għal Ikel u Għalf marbuta mal-eżerċizzju tar-rintraċċar, biex jieħdu kampjuni minnhom u biex wara jeqirduhom u biex jissospendu temporanjament l-importazzjoni mill-Eġittu taż-żerriegħa u l-fażola kollha identifikata fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

(8) Sabiex tippermetti ż-żmien meħtieġ għall-Awtoritajiet Kompetenti tal-Eġittu biex jipprovdu rispons u jikkunsidraw il-miżuri xierqa għall-immaniġġjar tar-riskji, is-sospensjoni temporanja tal-importazzjonijiet għandha tidħol fis-seħħ minn tal-inqas sal-31 ta' Ottubru 2011.

(9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali.

([1]) ĠU L 325, 12.12.2003, p. 31.

▼B

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa sabiex il-lott kollu ta' żerriegħa tal-fienu impurtata mill-Eġittu matul il-perjodu ta' bejn l-2009 u l-2011, imsemmi fin-notifiki tas-Sistema Rapida ta' Allarm għal Ikel u Għalf marbuta mal-eżerċizzju tar-rintraċċar ikun irtirat mis-suq u meqrud. F'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2003/99/KE l-lottijiet kkonċernati għandu jitteħdilhom kampjun.

▼M2

Artikolu 2

Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni taż-żrieragħ u l-fażola mill-Eġittu kif stipulat fl-Anness huwa ipprojbit sal-31 ta' Marzu 2012.

▼B

Artikolu 3

Il-miżuri stabbiliti minn din id-Deċiżjoni għandhom ikunu vvalutati mill-ġdid b'mod regolari fuq il-bażi tal-garanziji offruti mill-Eġittu, riżultati tat-testijiet analitiċi u investigazzjonijiet li jkunu saru mill-Istati Membri.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼M3

ANNESS

Żrieragħ u fażola mill-Eġittu li r-rilaxx tagħhom għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni huwa pprojbit sal-31 ta' Marzu 2012

Kodiċi NM (*)	Deskrizzjoni
ex 0704 90 90	Nebbieta tar-rukola
ex 0706 90 90	Nebbieta tal-pitravi, nebbieta tar-ravanell
ex 0708	Nebbieta ta' ħxejjex leguminużi, friski jew imkessħin
ex 0709 90 90 ex 0709 99 90 (1)	Nebbieta tal-fażola tas-sojja
ex 0713	Ħxejjex leguminużi mnixxfa, bil-qoxra, sew jekk imqaxxrin u sew jekk le, mhux maqsumin
0910 99 10	Żrieragħ tal-fienu
ex 1201 00 ex 1201 (1)	Fażola tas-sojja mhux imkissra
1207 50	Żrieragħ tal-mustarda
ex 1207 99 97 ex 1207 99 96 (1)	Żrieragħ u frott oħra żejtnin, mhux imkissrin
1209 10 00	Żrieragħ tal-pitravi zokkrija
1209 21 00	Żrieragħ tax-xnien (alfalfa)
1209 91	Żrieragħ tal-ħaxix
ex 1214 90 90	Żrieragħ tax-xnien (alfalfa)

(*) Il-"kodiċijiet NM" imsemmija f'din id-Deċiżjoni jirreferu għall-kodiċijiet speċifikati fil-Parti Tnejn tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.).

(1) Kodiċi NM fl-1.1.2012